MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tal-21 ta' Gunju, 2011

Appell Kriminali Numru. 503/2010

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Jacqueline Balzan**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fis-16 ta' Awissu, 2010 ghall-habta tal-10.45 hrs fi Triq il-Wied k/m Triq Guze` Galea Iklin
1. ghamlet attivita` kummercjali minghajr licenzja tal-awtorita` kompetenti meta din il-licenzja hija mehtiega mill-ligi jew minn regolamenti maghmulin mill-awtorita` kompetenti bis-sahha ta' din il-ligi;
2. kif ukoll bhala bejjiegha fit-toroq naqset li tiggestixxi l-attivita` kummercjali taghha minn kull post f'kull triq billi pparkjat il-vettura taghha tal-ghamla Toyota b'numru LAB-932 skond ir-regolamenti ta' traffiku f'kull triq u tieqaf

sabiex tbiegh u sakemm isservi lill-konsumaturi taghha u wara li sservihom tmur ghall-post iehor;
3. kif ukoll bhala bejjiegha fit-toroq gestiet din l-attivita` kummercjali matul distanza ta’ mixi t’anqas minn 50 metru mill-entratura kull post kummercjali iehor;
4. kif ukoll naqset li tobdi l-ordni legittima moghtija lilha minn PS 1122 Arthur Rizzo ufficjal pubbliku waqt li kien qed jaqdi d-doveri tieghu jew ma hallietx jew fixklet jew indahlet lill-imsemmi ufficjal waqt il-qadi ta’ dmirijietu.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tad-9 ta’ Novembru, 2010, li biha, wara li rat l-artikoli 338(gg) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-artikolu 29 tal-Avviz Legali 1/06, l-artikolu 30(2)(c)(ii) tal-Avviz Legali 1/06 u l-artikolu 338(ee) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, stante ammissjoni u konferma ta’ tali ammissjoni mill-istess appellata, wara li giet moghtija z-zmien opportun mill-Qorti sabiex tkun tista’ tirregola ruhha, sabet lill-appellata hatja tal-akkuzi kif dedotti kontrih u kkundannataha “Reprimand and Amenda”.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fil-25 ta’ Novembru, 2010, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi tikkonfermaha f’dik il-parti fejn sabet lill-appellata hatja ta’ l-akkuzi migjuba kontriha w tirrevokaha f’dik il-parti fejn ikkundannat lil Jacqueline Balzan ghal “Reprimand and Amenda” u minflok tinfliggi l-piena skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellata esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant fil-qosor, huwa s-segwenti w cioe':-
Illi l-Ewwel Qorti ma ddikjaratx l-ammont ta’ l-ammenda li biha kienet ikkundannata l-appellata izda tat biss R & A skond l-artikolu 7(2) tal-Kodici Kriminali.

Ghalhekk il-piena erogata mill-Ewwel Qorti ma kienitx fix-xorta jew fil-kwantita` taghha dik ikkontemplata fil-ligi specjali ghar-reati ammessi mill-appellata.

Illi din il-Qorti qed tirreferi ghad-decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali mill-Imhallef Dr. Joseph Galea Debono fis-7 ta' Jannar, 2010 minhabba li c-cirkostanzi ta' dan l-appell huma identici ma dawk tal-kawza citata.

Il-Qorti ser timxi mad-decizjoni citata u qed tilqa` r-rikors tal-Avukat Generali.

Ghalhekk il-Qorti qed tirriforma s-sentenza fl-ismijiet premessi moghtija fid-9 ta' Novembru, 2010 billi tikkonferma fejn sabet lill-appellata hatja tal-imputazzjonijiet dedotti kontra taghha u thassaraha f'dik il-parti fejn il-Qorti tat R & A u minflok qed tikkundanna lill-appellata thallas ammenda ta' €116.47c. Il-Qorti wara li rat ic-cirkostanzi tal-kaz qed tawtorizza lill-appellata thallas din l-ammenda b'rati ta' €10 fix-xahar bl-ewwel pagament isehh fi zmien 4 gimghat mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------